## EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**L-EWWEL SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** _______________

**Taqsima A: Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba.**

1. Permezz ta' l-istudji soċjali nitgħallmu dwar (is-soċjetà, il-frott u l-ħxejjex, il-ħamrija).
2. L-ewwel grupp soċjali li nagħmlu parti minnu hu (il-'peer group', il-familja, l-għaqda reliġjuża).
3. Il-ħiliet li kull bniedem għandu ngħidulhom (kapriċċi, vizzji, talenti).
4. Ġabra ta' drawwiet u tradizzjonijiet insejħulhom (lingwa, kultura, liġi).
5. Il-kontroll fis-soċjetà jinżamm (mill-arċipriet, mit-tabib, mill-pulizija).
6. L-edukazzjoni formali neħduha (mingħand tal-ħanut, mill-iskola, mir-raħal).
7. Id-dmir tiegħi hu (li nilgħab, dak li hu mistenni minni, dak li jistħoqqli nieħu).
8. Fl-iskola għandi nġib ruħi ta' (pastaż, 'bully', edukat).
9. L-annimali qegħdin fid-dinja biex (naħqruhom, nieħdu ħsiebhom, nibżgħu minnhom).
10. Grupp ta' nies li jgħix u jaħdem flimkien jissejjaħ (dinja, kju, komunità).

**10 marki**

**Taqsima B: Imla l-vojt b'dawn il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| valuri | normi | rwoli | dmir | għaqda volontarja |
| personalità | soċjalizzazzjoni | anzjani | ħin liberu | l-ambjent |

1. Dak li s-soċjetà tistenna minni jissejjaħ ___________________________ .
2. Nies li jaħdmu bla ħlas huma membri f' ___________________________.
3. Kull bniedem għandu l- ___________________________ tiegħu li tagħmlu differenti minn ħaddieħor.
4. Dawk kollha 'l fuq minn ħamsa u sittin sena jissejħu ___________________________.
5. Jien nista' nagħmel li rrid fil- ___________________________ tiegħi.
6. Dak kollu li nsib madwari jissejjaħ ___________________________.
7. It-tagħlim li nieħu mingħand il-ġenituri biex nibda nifforma parti mis-soċjetà jissejjaħ ___________________________.

8. Regoli li jien mistenni nsegwi jissejħu ___________________________ tas-soċjetà.
9. Kulħadd għandu r- ___________________________ tiegħu fis-soċjetà.
10. Prinċipji li nuża bħala gwida fil-ħajja tiegħi jissejħu ___________________________.

**10 marki**

**Taqsima Ċ:**

Kulħadd għandu d-drittijiet tiegħu fis-soċjetà. Semmi żewġ drittijiet li jistħoqlok tingħata meta tkun:

1. Student _________________________ _________________________
2. Iben jew bint _________________________ _________________________
3. Impjegat fuq il-post tax-xogħol _________________________ _________________________
4. Ċittadin ta' pajjiż _________________________ _________________________
5. Anzjan _________________________ _________________________
6. Refuġjat _________________________ _________________________
7. Bniedem b'diżabilità _________________________ _________________________
8. Ħabsi _________________________ _________________________
9. Membru ta' xi għaqda _________________________ _________________________
10. Ġenitur _________________________ _________________________

**20 marka**

**Taqsima D: Ikteb Veru jew Falz ħdejn kull waħda minn dawn is-sentenzi.**

1. Ir-riċiklaġġ jagħmel ħsara lill-ambjent. ____________________
2. Mill-familja nieħdu l-ewwel tagħlim tagħna. ____________________
3. It-tfal m'għandhomx dmirijiet. ____________________
4. Il-ħin liberu hu ħela ta' ħin. ____________________
5. Jekk tikser il-liġi tista' tintbagħat il-ħabs. ____________________
6. Il-ħsara li ssir fl-ambjent ibati minnha kulħadd. ____________________
7. It-tipjip jissejjaħ vizzju. ____________________
8. L-abbuż tad-droga jagħmel il-ġid. ____________________
9. Ix-xogħol tad-dar għandu jsir mill-membri kollha li jgħixu fid-dar. ____________________
10. Jien għandi nġib ruħi ta' egoist ma' ta' madwari. ____________________

**10 marki**

**Taqsima E : Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb in-numru fil-kolonna tan-nofs.**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | Ċittadin | | Relazzjonijiet inter-personali bejn il-bnedmin biex permezz tagħhom ikun hemm l-għaqda. |
| 2 | L-istudji soċjali | | Dak li jien naf nagħmel. |
| 3 | Interazzjoni soċjali | | Persuna mwielda f'pajjiż u li tgawdi pakkett ta' drittijiet u dmirijiet ta' dak il-pajjiż. |
| 4 | Talent | | Grupp ta' żgħażagħ ta' l-istess età li tagħmilha magħhom u li l-iżjed jinfluwenzawk. |
| 5 | Vizzju | | Ġabra ta' drawwiet kif ukoll il-lingwa. Metodi ta' xogħol u valuri li nirtu minn ta' qabilna u li jtuna identità. |
| 6 | Familja | | Studju dwar is-soċjetà u kull ma hemm fiha – nies, ambjent u relazzjonijiet ta' bejniethom. |
| 7 | Il-'peer group' | | Drawwa li diffiċli twaqqafha. |
| 8 | Il-kultura | | Grupp ta' nies li għandhom relazzjoni personali u intima bejniethom mibnija fuq l-imħabba. |
| 9 | Dixxiplina | | Idea żbaljata li wieħed ikollu dwar xi ħadd mingħajr ma jkun jafu personalment. |
| 10 | Preġudizzju | | Sett ta' regoli u liġijiet li mistennija li jinżammu u jiġu obduti. |

**10 marki**

**Taqsima F: Imla l-vojt f'dan il-paragrafu b'dawn il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| illitterat | kompjuter | iskola | informali | media |
| formali | soċjalizzazzjoni | ċittadini | suġġetti | post ta' divertiment |

L-edukazzjoni tista' tkun kemm ________________________ kif ukoll ____________________. L-edukazzjoni formali neħduha mill- ______________________ billi nitgħallmu _______________________ differenti. L-edukazzjoni informali neħduha minn dak kollu li jiġri madwarna bħal xi _____________________________________, u mill- ____________________. Illum il-ġurnata kulħadd jaf kemm hu importanti li ma tkunx ___________________ u tkun taf tħaddem il- ______________________ biex issib ix-xogħol. Ngħidu wkoll li l-iskola hi t-tieni aġent ta' ______________________________. Tgħallimna kif insiru __________________ responsabbli.

**10 marki**

**Taqsima Ġ : Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u agħti l-opinjoni tiegħek.**

1. Fir-raħal ġiet toqgħod familja b'tifel b'diżabilità. It-tfal tar-raħal kienu jmorru l-ġnien jilagħbu flimkien imma ma' dan it-tifel ħadd ma kien jilgħab.
   Kieku int kont tgħix fir-raħal x'kont tagħmel?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

**5 marki**

2. Mara anzjana tgħix waħedha, ma tantx tiflaħ timxi u tkun dejjem fuq siġġu ħdejn il-bieb tagħha. It-tfal jiddieħku biha.
   Kieku int kont tgħix fit-triq ta' din l-anzjana, kif kont iġġib ruħek magħha?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

**5 marki**

**Taqsima H : Agħżel wieħed (1) minn dawn li ġejjin u ikteb madwar 120 kelma dwaru.**

1. L-ambjent tagħna lkoll.
2. Ir-rwol tiegħi bħala membru fi grupp sportiv.
3. Ir-rwol tal-familja fis-soċjetà tal-lum.
4. Il-kultura Maltija.

**20 marka**